MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Numru. 430/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**JASON TABONE**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat JASON TABONE bin Carmelo u Francesca nee Scerri, li joqghod 83, Triq ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 532978M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fid-dsatax ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar, fi Triq Ta' Gorf, Xaghra;

1. Meta kellu licenzja biex jzomm jew biex jkollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar u cioe senter Benelli bin-numru M143689 jew munizzjoni, naqas li jzomm l-

istess arma u munizzjoni hawn fuq imsemmi fil-kustodja tieghu b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor;

2. Talli zamm l-istess arma hawn fuq imsemmija jew kellu fil-pussess tieghu arma hekk licenzjata biex tintuza ghal kacca b'magazine li jista jkollu aktar minn zewg skratacc fil-istess hin;

3. Talli fl-istess data, post u hin meta kien go jew fuq vettura Fiat Uno ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni EBA 023 zamm l-arma hawn fuq imsemmija kkargata; u

4. Talli garr arma tan-nar kkargata meta kien go post abitat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tordna l-konfiska tal-arma tan-nar u munizzjon hawn fuq imsemmi.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 13(1)(a) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 9(1)(h), 9(2)(b) tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 146/93;

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, u cioe lil PS 187 jghid li l-imputat qallu li kien ghal kaccaz in-Nuffara u kien wasal d-dar xi ghaxar minuti qabel ma mar jkellmu;

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-arma Benelli, shotgun bin-numru tas-serie 143689 bil-pouch u mija w erbgha skratacc u kopji ta' zewg licenzji u ricevuta;

Semghet lil imputat jiddikjara li mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri;

Issa f'dan il-kaz jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li dak li qal l-imputat qalu b'mod voluntarju u minn jeddu u fl-ebda hin ma hass li kellu jikkontesta din ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ppruvati mix-xhieda ta' PS 187 u mill-konfessjoni tal-istess imputat li ma gietx kontradetta minnu viva voce l-Qorti;

Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputat JASON TABONE u ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li ssibu hati taghhom u tikkundannah komplessivament ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira Maltin (Lm 100).

Oltre dan tordna li l-oggetti relatati mal-kacca esibiti f'dawn l-atti jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------